MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru 579/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa' )

vs

Nadiene Gatt

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputata, Nadiene Gatt ta' 33 sena bint Angelo u Antonia nee' Magri mwielda San Giljan fit-8 ta' April 1974 u residenti fil-15, 'Fjura tax-Xemx', Triq Znuber, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 198274(M) li giet mressaqa quddiemha akkuzata talli-:

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’diversi granet fix-xahar ta’ April 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f’xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg li jinzammu f’dak il-computer jew f’xi computer iehor, jew uzat , ikkopjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg bhal dawk;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni ippreveniet jew ostakola id-dhul ghal xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni hadet pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni uzat il-kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ persuna ihra f’computer.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni kixfet xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg u meta dan ma kienx mehtieg mill-qadi ta’ dmirijieta jew b’xi ligi ohra;
Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ April 2007u fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Paul Camilleri minn Hal -Balzan, wegghatu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Lulju 2007 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarla fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissieta b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri il-fedina penali netta tal-imputata (esebita *a folio* 3 tal-process) u l-fatt li l-imputata ikkoperat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 337(c) (1) (a), (d) (f), (i) (j) u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera bil-kundizzjoni li ma tikkommetix reat iehor sa zmien (3) tlett snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drive formalment esebita fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 u li giet immarkata bhala Dok AG11.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------